MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 53/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Abdelsalam M N Hassin**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Abdelsalam M N Hassin talli nhar-il 15 ta' Ottubru 2008, bejn it-tlieta u nofs u l-erbgha u nofs ta' filghodu (3.30 a.m. u 4.30 a.m.) f'San Giljan:

(1) bi hsieb li jaghmel delitt u cioe` li bi vjolenza jikkommetti stupru vjolenti fuq il-persuna ta' Denise Ann Agius, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

(2) bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Denise Ann Agius kontra l-volonta` taghha, u dan bhala mezz biex tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha u li b’liema zamma jew sekwestru Denise Ann Agius giet offiza fuq il-persuna taghha;

(3) bi vjolenza kkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta’ Denise Ann Agius;

(4) uza vjolenza sabiex igieghel lill-istess Denise Ann Agius taghmel xi haga kontra l-volonta` taghha;

(5) ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Denise Ann Agius;

(6) offenda l-pudur jew il-morali, b’ghemil li sar f’post pubbliku jew f’post espost ghall-pubbliku;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Frar 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(b), 198, 202(f), 207, 209, 86, 87(c)(g), 221(1), 251(1), 17(h) u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma sabitx lill-imsemmi Abdelsalam M N Hassin hati ta’ l-ewwel imputazzjoni kif dedotta izda sabitu hati ta’ attentat ta’ stupru ai termini ta’ l-artikolu 41(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal piena ta’ ghoxrin xahar prigunerija. Inoltre kkundannatu jhallas l-ispejjez inkorsi mal-hatra tal-esperti li jammontaw ghal hamest elef erba’ mija u tlieta u erbghin euro u sitta u tletin centezmu (€5,443.36c);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Abdelsalam M N Hassin ipprezentat fis-16 ta’ Frar 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn gie liberat mill-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu izda minflok gie dikjarat hati ta’ tentattiv ta’ stupru ai termini tal-Artikolu 41 (1)(b) u cioe’

ta’ tentattiv tal-istess izda fejn ir-reat ma’ sehhx ghaliex l-esponent waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt, kif ukoll fejn gie misjub hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u fejn gie kkundannat ghal ghoxrin xahar prigunerija, izda thassarha f’dik il-parti fejn gie kkundannat ihallas l-ispejjez peritali inkorsi fis-somma ta’ €5,443.36c;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell jirrigwarda l-ispejjez peritali li l-appellant gie kkundannat ihallas. Jghid li ma kinux jikkonkorru c-cirkostanzi kontemplati mil-ligi biex huwa jigi hekk ikkundannat. Skond l-appellant, bosta, jekk mhux l-ispejjez peritali kollha, gew inkorsi inutilment stante illi huwa qatt ma kkontesta l-fatti kif esposti mill-prosekuzzjoni, kif iddikjarat l-ewwel Qorti stess fis-sentenza taghha fl-ewwel sentenza tal-konsiderazzjonijiet taghha. Inoltre, ikompli jghid l-appellant, fejn gew mahtura periti, dawn gew mahtura in konnessjoni ma’ l-ewwel imputazzjoni kif dedotta, minn liema imputazzjoni gie lliberat proprju skond l-unika kontestazzjoni tad-difiza.

L-ordni ghall-hlas ta’ l-ispejjez peritali sar a tenur ta’ l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi:

**“Meta l-kawza ssir mill-Pulizija *ex officio*, il-qorti ghandha meta taghti s-sentenza jew f’kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati jew il-hatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wiehed ghalih, ghall-hlas, lir-registratur, ta’ l-ispejjez kollha jew ta’ parti mill-ispejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk ta’ l-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal ta’ l-inkjesta, f’dak iz-zmien u f’dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.”**

Issa, kwantu l-fattur illi l-appellant gie lliberat mill-imputazzjoni kif originarjament dedotta, irid jinghad illi huwa xorta nstab hati li kkommetta tentattiv ta’ stupru. Id-differenza bejn sejbien ta’ htija taht il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 41 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 41 tal-Kap. 9 imsemmi, hi li fil-kaz ta’ htija taht il-paragrafu (b) il-piena tkun dik applikabbli ghall-atti li jkun lahaq ghamel, jekk dawk l-atti jkunu jikkostitwixxu delitt skond il-ligi.

Din il-Qorti ezaminat l-atti kollha tal-kaz, inkluzi d-diversi relazzjonijiet ta’ l-esperti.

Tirreferi l-ewwelnett ghar-relazzjoni ta’ l-Av. Dott. Veronica Aquilina. Hija giet nominata mill-ewwel Qorti “bhala espert tekniku”. Mir-relazzjoni taghha (Dok. VA a fol. 79 *et seq.*), u nonostante d-desinjazzjoni li nghatat bhala espert tekniku, jirrizulta illi dak li ghamlet kien li semghet numru ta’ xhieda u stabbilixxiet il-fatti. Issa, skond it-tielet *proviso* ta’ l-artikolu 548 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **“bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 552(2), ebda espert ma ghandu jinhatar biss sabiex jisma’ x-xhieda bil-gurament u jiehu x-xiehda taghhom bil-miktub u jistabbilixxi l-fatti rilevanti.”** Jigifieri n-nomina saret kontra dak li jiddisponi l-imsemmi *proviso*. Ghalhekk l-appellant m’ghandux ibati l-ispejjez ta’ din ir-relazzjoni.

Kwantu mbaghad ghar-relazzjoni ta’ Dr. Marisa Cassar, jirrizulta li t-testijiet kollha li saru ghall-prezenza ta’ *acid phosphatase* kienu fin-negattiv. Kwantu ghat-testijiet ta’ DNA li saru, dak li jista’ jitqies rilevanti huwa r-rizultat fuq il-kampjun 08CHF204 (demm) mnejn hareg profil genetiku mhallat li jaqbel ma’ tal-vittma u ma’ ta’ l-appellant, u l-kampjuni ta’ demm minn fuq il-flokk ta’ l-appellant fejn irrizulta li l-profil genetiku kien jaqbel ma’ dak tal-vittma. Ir-rizultati l-ohra b’ebda mod ma jista’ jinghad li b’xi mod jincidu fuq il-htija ta’ l-appellant Ghalhekk din il-Qorti qed tiddetermina l-ammont li l-appellant ghandu jhallas in konnessjoni mar-relazzjoni ta’ Dr. Marisa Cassar f’dak ta’ €935.50.

Konsegwentement l-ispejjez peritali li jridu jithallsu mill-appellant huma kif gej:

| | |
|---|---|
| Dr. Mario Scerri | € 441.54 |
| Dr. Isabelle Saliba | 300.00 |
| Dr. Marisa Cassar | 935.50 |
| P.S. 644 Evan Camilleri u | |
| P.S. 6 Duncan Dimech | 193.72 |
| W.P.S. Denise Camilleri | 114.60 |
| Godwin Sammut | 223.49 |
| | ------------ |
| | €2,208.85 |
| | ------------ |

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' spejjez peritali fl-ammont ta' €5,443.36 u minflok tikkundannah ihallas is-somma ta' €2,208.85 bhala spejjez peritali, liema somma, jekk ma tithallasx skond il-ligi, tigi mibdula fi prigunerija, bil-kalkolu ta' gurnata ghal kull hdax-il euro u hamsa u sittin centezmu (11.65) jew frazzjoni ta' hdax-il euro u hamsa u sittin centezmu (11.65), u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------